BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 09/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 17 ta' Awwissu 2010 fis-2.00pm**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 08/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u B.Pace issekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/08 -* Tressqet talba minn MJS Holdings sabiex mill-1 ta' Ġunju 2011 sal-15 ta' Settembru 2011 ikunu jistgħu joperaw *Bumping Cars* ġewwa l-parkeġġ ta' Wied Il-Buni. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li hemm bżonn tinħoloq *policy* ġdida għal dawn it-tip ta' talbiet u għaldaqstant mhux ser tiddeċiedi fuq din it-talba għalissa.

*02/08 -* Tressqet talba minn MJS Holdings sabiex mill-15 ta' Mejju 2011 sal-15 ta' Settembru 2011 ikunu jistgħu joperaw *Trampoline* fuq ir-ramla tal-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li hemm bżonn tinħoloq *policy* ġdida għal dawn it-tip ta' talbiet u għaldaqstant mhux ser tiddeċiedi fuq din it-talba għalissa.

*03/08 -* Tressaq quddiem il-Kamra, ilment ta' ħmieġ fil-latrini pubbliċi ta' Wied il-Buni. Minħabba li kull ġimgħa qed jidħlu diversi ilmenti l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, il-Kamra qablet li għandu jinħareġ *second warning* sabiex il-kuntrattur jirregola ruħu immedjetament.

*04/08* - Tressqu diversi kummenti fir-rigward tal-purċissjoni fil-festa ta' San Pietru. Il-Kamra ddiskutiet fit-tul punt, punt u laħqet il-konklużżjoni li

- għanda tgħaddi l-ilmenti dwar xogħol tal-pulizija lill-ispettur tal-lokal.
- nibdew il-proċedura sabiex il-gabbani jiġu rilokati għal Triq San Patrizju.
- fi żmien il-festa jinżebagħ indikatur sa fejn jistgħu jintramaw imwejjed fil-Bajja s-Sabiħa.
- il-Ħadd tal-festa l-i*scammel* jibda jagħmel ir-ronda darbtejn.

*05/08* - Shine the light Ministries qed jitolbu permess sabiex jorganizzaw serata fuq it-Teatru Grieg ġewwa l-Bajja s-Sabiħa nhar it-28 ta' Awwissu 2010 bejn is-7.30pm u 11.00pm. Serata li tkun tinkludi *band*, *puppet show* u *face painting.* Il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

*06/08* - Tressaq ilment fir-rigward ta' tfigħ ta' karti li sar minn sorsi differenti f'diversi okkażżjonijiet fil-ġimgħa tal-festa. Dan l-ilment qiegħed isir fid-dawl tal-ordni li ħarġet mill-Kunsill Lokali fejn kull tfigħ ta' karti ġie projbit. Il-Kunsill innota dan in-nuqqas u ser jieħu l-azzjonijiet neċessarji.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Is-Sindku ressaq proposta quddiem il-Kamra sabiex il-*ground* tal-futbol fil-Bajja s-Sabiħa jingħata kisja ġdida ta' ramel u jiġi rromblat għal spiża ta' €3619. Il-Kamra qablet ma' din il-proposta.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet :

a) *Kwotazzjoni Nru. 07/10* - Reconciliation of the Fixed Asset Register from 1993 todate.

1. Erremme Options Ltd. - €3500
2. Alfred Parnis - €4500
3. Adrian Sciberras - €1850
4. D-Consulta - €1000

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandu jsir *interview* mal-orħos żewġ kuntratturi sabiex jiġi ċċarat ix-xogħol li jrid isir.

b) *Kwotazzjoni Nru. 08/10* - Ħasil ta' Pavimentar u Toroq

1. General Ecological Services Co. Ltd. - €2061.50
2. John Fenech o/b/o Ellis Urban Services Ltd. - €3490.00
3. Ricky Caruana - €4400.00
4. Ronald Bezzina - €2800.00

Ġie magħżul il-kuntrattur Nru. 1 - General Ecological Services Co. Ltd. għal prezz ta' €2061.50 peress li kien l-orħos wieħed.

***<u>AĠENDA -5</u>***

Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-perijodu ta' tlett xhur bejn l-1 ta' April 2010 u t-30 ta' Ġunju 2010. Dan ġie approvat mill-Kamra.

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* għax-xahar ta' Awwissu 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata sabiex is-somma ta' €43168.35 titħallas skond Skeda Nru. 08/10.

***AĠENDA -7***

1. Il-Kamra ġiet infurmata :

   a) bil-programm li ser jittella' għall-festival ta' logħob tradizzjonali nhar id-19 ta' Settembru 2010.

   b) li l-Kunsill applika taħt l-iskema tal-U.I.F. sabiex jinbidel ic-*chainlink fencing* tal-futbol *ground* u tal-i*skateboard park* kif ukoll ir-rampi tal-*iskateboard park* isiru tal-konkos.

   c) nhar il-Erbgħa, 18 ta' Awwissu ser tinfetaħ is-sejħa għall-offerti ta' kisi ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP għal Dawret il-Qalb Imqaddsa, il-Bajja s-Sabiħa u Misraħ is-Summit, kif ukoll kwotazzjonijiet għal provista ta' żebgħa.

   d) il-ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Porto San Giorgio ġie kkonfermat għal 25 ta' Ottubru.

   e) bdiet titħaddem sistema ta' sorveljanza tal-*Green Warden*.

2. Is-Sindku ressaq artiklu li deher fil-gazzetta 'il-Mument' ta' nhar il-Ħadd, 8 ta' Awwissu 2010 bit-titlu 'Kummentarju politiku qabel il-laqgħat f'Birżebbuġa'. Is-Sindku talab lil dawk preżenti sabiex jikkonfermaw jew jiċħdu l-allegazzjonijiet li nkitbu fl-artiklu. Il-Kamra unanimament ċaħdet dawn l-allegazzjonijiet.

3. B.Pace nfurmat lill-Kamra li nhar il-Ħadd, 5 ta' Settembru 2010 għal darba oħra ser jiġi ċċelebrat 'Jum Birżebbuġa' fejn ser issir quddiesa fid-9.00am u programm fil-Bajja s-Sabiħa li ser jibda fit-8.00pm. B.Pace talbet sabiex jinżebagħ it-Teatru Grieg għal din l-okkażżjoni. Fakkret ukoll lill-Kamra li nhar l-24 ta' Awwissu ser jiġi Malta s-Sindku ta' Porto San Giorgio.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fl-4.20pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 15 ta' Settembru 2010 fis-6.00pm. .

.

| ......................................... | ............................................. |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## *Schedule of Payments 08/10*

### *Period 01/08/2010 till 31/08/2010*

| Cheque | To | For | Amount |
|---|---|---|---|
| 8053 | Carmen Debattista | Library Opening | € 104.94 |
| 8054 | J. Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | € 1,623.01 |
| 8055 | Charlie's Ironmongery | Various Hardware Supplies | € 2,630.24 |
| 8056 | Swallow Ltd | Lifter | € 111.80 |
| 8057 | Dove's Pet Shop | Various Supplies | € 1,470.95 |
| 8051 | Charlie Fenech | Tipper Truck June 10 & July 10 | € 2,772.00 |
| 8059 | Horace Enterprises Ltd. | Mementos | € 215.94 |
| 8060 | Best Print Ltd. | Printing of Birzebbuga Brochure | € 400.00 |
| 8084 | Petty cash | Various expenses | € 103.07 |
| 8061 | MITA | Email Accounts | € 498.04 |
| 8062 | Smart Office Supplies | Stationery | € 138.14 |
| 8063 | J.J. Ironmongery | Various Hardware Supplies | € 1,359.63 |
| 8064 | JM Installations | Lighting Repairs | € 3,612.99 |
| 8065 | Ronald & Chris Bezzina | Upkeep Public Convenience July '10 | € 1,017.29 |
| 8065 | Ronald & Chris Bezzina | Upkeep Public Places July '10 | € 332.92 |
| 8066 | Chris & Ronald Bezzina | Mechanical Sweeping June '10 | € 720.00 |
| 8066 | Chris & Ronald Bezzina | Mechanical Sweeping July '10 | € 1,020.00 |
| 8067 | New Era | Street Sweeping on Sundays & Public Holidays May '10 | € 94.40 |
| 8067 | New Era | Street Sweeping on Sundays & Public Holidays June '10 | € 566.40 |
| 8067 | New Era | Street Sweeping on Sundays & Public Holidays July '10 | € 472.00 |
| 8067 | New Era Waste Services | Street Cleaning July '10 | € 1,939.58 |
| 8068 | ELC | Upkeep Public Gardens July '10 | € 1,147.92 |
| 8052 | RVS | Refuse Collection July '10 | € 8,008.00 |
| 8070 | Walsh's Ltd | Fathers Day Dinner | € 1,840.00 |
| 8085 | GO plc | Telephone Expenses | € 433.22 |
| 8072 | Elmein Ltd | Lift Maintenance | € 187.02 |
| 8074 | Raymond Cutajar | School Hall Opening | € 178.22 |
| 8044-9 | August Salaries | Salaries and Wages for the month of August 2010 | € 4,791.59 |
| 8050 | Alexander Fenech | Crane Hire | € 100.00 |
| 8075 | Lands Department | Rent | € 232.94 |
| 8076 | Duraprint | Stationery | € 109.74 |
| 8077 | Nexos Street Lighting Ltd | Lighting repairs | € 677.39 |
| 8078 | M.G. Pulis | Parts | € 26.50 |
| 8079 | Pauline Ellul | Office Cleaning | € 82.00 |
| 8080 | Matthew Debono | Beach Railings | € 700.00 |
| 8006 | MEPA | Appeal re: Freeport | € 150.00 |
| 8008 | MEPA | Application re: Rubble Walls non-Urban | € 1,432.54 |
| 8041 | OPM | Advert | € 34.75 |
| 8042 | DOI | Advert | € 9.32 |
| 8081 | Joe Bonnici & Sons | Hire of Mobile Toilets | € 332.76 |
| 8082 | Water Services Corporation | Electricity Bill | € 451.10 |
| 8083 | James Aloisio | Cigrette Bins | € 1,040.00 |
| | | **Total Paid** | **€ 43,168.35** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**